MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 372/2005

**Unicorn Holdings Limited (C5497)**

**Vs**

**La Palma Imports Ltd (C20394)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, erba mija u tnejn u sittin Liri Maltin (Lm4,462) rapprezentanti arretrati ta' kera pagabbli bil-quddiem ghall-perjodu 3 ta 'Ottubru 2004 sa 2 ta' April 2005 u 3 ta' April 2005 sa 2 ta' Ottubru 2005 skond kuntratt ta' kiri ippublikat fl-atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat tat-13 ta' April 2000, li kopja tieghu hija annessa u mmarkata Dok A1 anness mal-avviz bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kif ukoll tal-mandat ta' qbid kawtelatorju pprezentati mal-avviz

kontra s-socjeta konvenuta li r-rapprezentanti taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokument anness mal-istess avviz a fol 2 tal-atti u markat Dok A1.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fit-18 ta' Ottubru 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm4462.00,0 bl-imghax legali 'a scaletta' mit-tlieta ta' Ottubru 2004 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkuzi dawk tal-ittra ufficjali u tal-mandati kawtelatorju ta' qbid u ta' sekwestru kollha indikati bla data fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------